# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta tat-18 ta' Ottubru 2022

V.A.T. Sitting

PC/VAT/4928A
Reg. No.: MT 1093 6605

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**
**vs**

**Joseph Vella**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi kontra l-imputata, **Joseph Vella**, detentur tal-karta tal-identità numru 1018249M, u residenti Portomaso Blokk 31, flat 9003, Vjal Portomaso, San Giljan, Malta:

Talli bhala direttur u/jew ghan-nom u in rapprezentanza ta' **Marina San Gorg Limited (C4852)** u/jew bhala persuna rregistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skond l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, waqt spezzjoni b'sorpriża li seħħet fit-8 ta' Frar 2020 ġewwa DA Marian Restaurant li jinsab St. George's Road, San Giljan, rrizulta li jew hu jew xi persuna oħra li kien qed taġixxi għan-nom tieghu, offra li jipprovdi servizz u/jew prodott lil persuna ohra u/jew espona ghall-bejgh oggetti waqt li kien

sprovvist minn cash regi9ster fiskali u/jew kotba tar-ricevuti fiskali manwali kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxi, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda tal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u l-artikoli 51 u 77 (o), 81 u 82 tal-istess Att.

Rat l-atti kollha u d-dikjarazzjonijiet li saru mill-Partijiet waqt is-smiegh tas-26 ta' Jannar 2022, it-13 ta' Lulju 2022.

Semghet lix-xhudi prodotti mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza, w ezaminat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw.

IKKUNSIDRAT:

Xehdet bil-gurament Lourdes Briffa, prodotta mill-Prosekuzzjoni, li l-kariga taghha hi dik ta' VAT Inspector fis-sezzjoni tal-fees and compliance investigations. Hija qalet li nhar it-8 ta' Frar 2020 flimkien ma' ufficjal iehor mill-istess dipartiment ghamlet spezzjoni f'DA Marian Restaurant Hotel. Ix-xhud fissret li meta ricevuta tinhareg permezz tas-sistema komputerizzata, irid jikiseb il-permess tad-Dipartiment qabel u l-exeption number li kellhom ma' kienx dak li kien approvat mid-dipartiment. Kienet intbaghtet korrespondenza: "*Is-sistema li kienu qed juzaw kompjuterizzata ma kienetx approved.*" u, "*Id-dokument jghid li is-sistema li qed tintuza ma kienetx approvata fil-post imsemmi.*" Ix-xhud opprezentat ir-ricevuti immarkati Dokumenti "B" u "C". Minn verifiki li ghamlet qabel is-seduta, ix-xhud irrizultalha li s-socjetà kummercjali de quo kienet irregolarizzat il-pozizzjoni taghha nhar is-27 ta' Gunju 2022. Hija esebiet rapport dwar dan li kien gie mmarkat bhala document ittra "D".

Xehed bil-gurament l-imputat, Joseph Vella li kkonferma li huwa kien jokkupa l-kariga ta' direttur. Huwa fisser li l-group tal-kumpanniji tal-Corinthia ghandhom sistema fejn il-lukanda hi kumpannija ghaliha b'bord ta' diretturi li jiltaqa' regolarment u (talanqas kull tlett (3) xhur) u "*jaghmel premura mal-general manager u l-financial controller li jattendu dawn il-meetings li is-sistemi tal-group u tal-lukanda huma kollha in ordni ghal dak li huwa health and safety ghal dak li huwa VAT ghal dak li huwa national Insurance ghal dak li huwa Income Tax u ghal dak li huma dipartimenti tal-gvern kollha. Dan ghaliex il-group huwa kkwotat fuq l-istock exchange u allura huwa important hafna li ma jkunx hemm*

*irregolaritajiet jew intoppi f'dal kaz irrizultalna dan l-ahhar u ghlahekk irrettifika saret f'Gunju '22 wara li harget din ic-citazzjoni li l-management kien biddel isem ta' outlet u nesa' li jaghmel l-exemption tal-Computer system ghal dak l-outlet u ghalhekk gara dak li gara igifieri il-fatt mhux qed nikkontestawh li qeghdin nippruvaw nispjegaw huwa li l-bord tad-diretturi ghamel dak kollu li jista' biex ikun in order…*"

Xehed ukoll Adrian Scerri li qal li huwa d-direttur fit-teknologija fi hdan il-Corinthia Group u ghandu r-responsabbilità li jara li t-teknologija u s-sistemi fl-outlets fil-lukandi tal-grupp huma f'posthom. Ix-xhud qal li biex jikkonfermaw dan ghandhom awdituri li kull darba li tigi nstallata xi Sistema jmorru jaghmlu aaudit lis-sistema u "*... johorgulna exception number fuq dik is-sistema.*" Kull sena jsiru follow-up u "*… fil-kompitu taghna li nkunu certi li l-awdituri jigbdu l-attenzzjoni jekk ikun hemm xi affarijiet mhux qeghdin f'posthom u ahna nirrangawhom.*" Fir-rigward ta' Marina San Gorg Limited, ix-xhud qal li "*... il-kumpannija ghandha taghmel minn kollox biex tkun dejjem qed timxi mar-regoli tat-taxxi u dan kien haga li qabez f'dan il-kaz li tbiddel il-outlet name mill-manager tal-lukanda u ma nfurmax mill-ewwel lilna.*" Id-decizjoni biex jinbidel l-isem tittiehed mill-General Manger u mill Operations Manager fis-sezzjonijiet kollha.

IKKUNSIDRAT:

F'din il-kawza l-Imputat, imharrek ma' ohrajn separatament mill-istess kumpannija fuq l-istess kaz, ġie mixli li bhala direttur agixxa billi hareg ricevuti fiskali li ma kellhomx l-approvazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi. Fix-xiehda tieghu l-Imputat qal li ma kienx ghadu jaqdi l-funzzjoni ta' direttur tatl-kumpannija de quo. Minn ezami tad-dokumentazzjoni tal-Malta Business Registry li l-Prosekuzzjoni pprezentat, jirrizulta li ma kinux awtentikati minn ufficjal tal-Malta Business Registry u ma tidher ebda data ta' meta nharget id-dokumentazzjoni. Hadd mill-istess Malta Business Registry ma ssejjah biex jikkonferma jekk fid-data tal-kaz de quo l-Imputat kienx direttur tal-kumpannija jew le. Ghalhekk, din l-Onorabbli Qorti ma tistax tistrih fuq id-dokument mhux awtentika kif kellu jkun minn rapprezentanti tal-entità koncernata.

In oltre, mix-xhieda tal-Imputat innifsu u specjalment dik ta` Adrian Scerri fuq, johrog li l-Imputat sar jaf bin-nuqqas meta rcieva t-tahrika ta' din il-kawza u minn saret minnufih il-korrezzjoni fis-sistema kif approvata mill-Kummissarju tat-Taxxi. Din il-qorti hi tal-fehma li l-ispjegazzjoni dwar

x'kien gara moghtija mill-Imputat innifsu u x-xhieda l-ohra, hija gustifikata u taqa' fil-parametri tal-proviso tal-Artikolu 82 (1) li jipprovdi s-segwenti:

"*… iżda direttur, manager jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' korp ta' persuni ma jkunx ħati ta' reat bis-saħħa ta' dan is-subartikolu jekk huwa jġib prova li huwa ma kienx jaf u ma setax b'diliġenza raġonevoli jsir jaf b'dak l-egħmil jew nuqqas u li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiex iżomm milli jsir dak l-egħmil jew nuqqas*."

Ghaldaqstant, in vista ta' dak kollu hawn fuq elenkat, din il-Qorti ma tista' issib htija fl-imputat u sejra tilliperah mill-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Decide:

Ghal dawn il-motivi, wara li rat il-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda, l-Artikolu 51 u l-Artikolu 77 (o), 81 u 82 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Malur Mizjud (Kap. 406, tal-Ligijiet ta' Malta), issib lill-akkuzat mhux hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tillibera lill-istess Imputat.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**